RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 20**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqà nhar**
**It-Tlieta 24 ta' April 2012 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | *Chairperson* | |
| Il-Profs. Anthony Grixti Soler | Viċi *Chairperson* | |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru | 6.44 p.m. |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru | |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru | |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 p.m.

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 19**

1.01 Ic-Chairperson Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 19 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta l-Profs. Anthony Grixti Soler. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 19

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A 19**

2.01 Dwar minuta 3.03 is-Sur Christopher Farrugia qal li t-triq in kwistjoni hija Triq Ġużeppi Caruana u mhux Triq Francesco Azopardi. Għaldaqstant din il-minuta nbidlilha l-isem tat-triq u ġiet taqra 'Triq Ġużeppi Caruana'. — Siġar fi Triq Ġużeppi Caruana

2.02 Dwar minuta 3.05 is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-kelma 'ta' trid tinbidel u tigi taqra 'taghna' minflok. Il-Kumitat qabel. — ~~Tneħħija ta' tlett arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett~~ Progress dwar l-bankina fi Triq F. Azopardi

3.00 **Punti li joħorġu mill-Minuti A 19**



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Saret diskussjoni dwar iz-*zebra crossing* li tinsab fi Triq il-Buskett. Is-Sur Anthony Grixti Soler saħaq li din iz-*zebra crossing* qegħdha hemm bla użu. Is-Sur Lino Pace Bonello qal li din iz-*zebra crossing* qed isservi l-aktar għan-nies li jkunu jridu jmorru d-dar tas-'St. Joseph'. Ittieħed vot dwar jekk għandhiex titneħħa jew le. Favur kien hemm żewg voti u kontra kien hemm tlett voti. Għaldaqstant din il-proposta m'għaddietx. | Tneħħija ta' zebra crossing fi Triq il-Buskett |
| 3.02 | Is-Sur Chris Farrugia ppropona li meta jsir it-*traffic management plan*, jiġi kkunsidrat il-fatt li jsir *re-alignment* ta' Triq il-Buskett. Il-Kumitat qabel. | *Re-alignment* ta' Triq il-Buskett |
| 3.03 | Il-Kumitat qabel b'mod unanimu li jekk ma jintlahaqx ftehim mar-resident li zergha dawn is-sigar, ghandha tinfetah kawza l-qorti. | Siġar tal-ficus fi Triq Guzeppi Caruana |
| 3.04 | Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sna. Orietta Masini Cardona nfurmat il-laqgħa, li l-perit tal-Kunsill kienet għadha ma rnexxhieliex tgħamel kuntatt mal-*foreman* tal-Korporazzjoni Enemalta. Ħuma għandhom imorru fuq il-post sabiex il-*Foreman* jagħtina stima biex nagħmlu trinka minflok *culvert.* | Tneħħija ta' tlett arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett |
| 3.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sna. Orietta Masini Cardona nfurmat il-laqgħa li *t-tender* qiegħed fil-proċess tal-aġġudikazzjoni u ser jiġi aġġudikat fis-seduta tal-Kunsill li jmiss. | Progress dwar il-bankina fi Triq F Azopardi |

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

| | | |
|---|---|---|
| 5.01 | Is-Sur Christopher Farrugia qal li s-siġra li tinsab fit-*traffic island* fi Triq Carlo Fiamingo kantuniera ma' Triq Francesco Azzopardi xxenglet u għandha bżonn l-irfid meħtieġ sabiex tiġi ddrittata. Il-Kumitat qabel. | Siġra fi Triq Carlo Fiamingo |
| 5.02 | Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-bankina fi Triq Francsco Azopardi kantuniera ma' Triq Tal-Virtù hemm bżonn li titnaddaf mill-ħaxix ħażin peress li qed jiżolqu n-nies fuqha. | Tindif ta' bankina fi Triq Francesco Azopardi |
| 5.03 | Is-Sna. Stephanie Gatt staqsiet jekk il-ġurnata tal-ġbir tal-iskart irriċiklat jistgħax | Ġbir ta' skart irriċiċiklat |

jibda jinġabar ġurnata oħra apparti nhar ta' Tlieta.
Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sna. Orietta Masini Cardona qalet li l-Kunsill qed jikkonsidra li jżid ġurnata oħra, pero' mhux għalissa. Ħi kompliet billi qalet li jekk tiżdied ġurnata oħra, tkun trid tiżdied għar-Rabat kollu.

5.04 Il-Profs. Grixti Soler qal li hemm '*inspection chamber*' imkissra fuq il-bankina ta' quddiem id-dar 'Palma', 20, Triq Carlo Fiamingo.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat lill-*Works Monitor* tal-Kunsill sabiex naraw ta' xiex inhi u jekk tkun tad-drenaġġ, għandna niktbu lil sid din id-dar sabiex isewwiha.

'Inspection Chamber' imkissra fi Triq Carlo Fiamingo

5.05 Il-Profs. Grixti Soler talab li jiżdiedu s-sinjali tal-ħmieġ tal-klieb madwar tal-Virtù kollu, dan minħabba li n-nies qed joħorġu l-klieb tagħhom u mhux qed jiġbru l-ħmieġ tal-klieb minn fuq il-bankini.

Tabelli dwar il-ħmieġ tal-klieb

5.06 Is-Sur Lino Pace Bonello kkummenta dwar ir-rapport li kien ħejja xhur ilu dwar xogħol li kien għadu ma twettaqx. Huwa wera d-diżpjaċir tiegħu li lanqas 'acknowledgement' ma rċevejna mingħand l-AKL.
Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li dan ir-rapport għandu jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Ministeru. Il-Kumitat qabel.

Rapport dwar xogħol mhux imwettaq

**6.00 Protezzjoni ta' bini storiku**

6.01.1 Is-Sur Lino Pace Bonello tkellem dwar l-importanza tal-konservazzjoni u protezzjoni taż-żewġ binjiet storiċi li jinsabu f'Wied l-Isqof. Huwa saħaq li binja minnhom qed tkun abbużata peress li qed tintuża bhala '*store*'.

Bini Storiku f'Wied l-Isqof

6.01.2 Is-Sur Christopher Farrugia saħaq dwar l-importanza li naraw ta' min huma qabel ma jkomplu jiddeterjoraw.

6.01.3 Is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li nibagħtu '*site plan*' lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jindikawlna jekk dawn iż-żewġ proprjetajiet humiex privati jew tal-gvern.

6.02 Saret diskussjoni dwar il-Palazz ta' Tal-Virtù peress li qed isiru xogħlijiet ta' restawr li jistgħu jkunu mingħajr il-permessi meħtieġa.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat lill-Enforcement Officer tal-Mepa.

Xogħol fuq il-palazz ta' tal-Virtù

| | | |
|---|---|---|
| 6.05 | Is-Sur Lino Pace Bonello talab li terġa' tintbagħat '*reminder*' lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jgħidulna ta' min hija l-art fejn qed nipproponu li jiġi estiż il-belvedere. | *Reminder* dwar il-Belvedere |
| **9.00** | **Aġġornament** | |
| 9.01 | Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar id-29 ta' Mejju 2012 fis-6.30 p.m. | Aġġornament |
| 9.02 | Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m. | |

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**